Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għall-Affarijiet Legali

2020/2014(INL)

27.4.2020

ABBOZZ TA' RAPPORT

li jinkludi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar reġim ta' responsabbiltà ċivili għall-intelliġenza artifiċjali

(2020/2014(INL))

Kumitat għall-Affarijiet Legali

Rapporteur: Axel Voss

(Inizjattiva – Artikolu 47 tar-Regoli ta' Proċedura)

WERREJ

Paġna

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 3

ANNESS GĦALL-MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI: RAKKOMANDAZZJONIJIET DETTALJATI FID-DAWL TAT-TĦEJJIJA TA' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL DWAR IR-RESPONSABBILTÀ GĦALL-FUNZJONAMENT TA' SISTEMI TAL-INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI 10

A. PRINĊIPJI U OBJETTIVI TAL-PROPOSTA 10

NOTA SPJEGATTIVA 27

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

li jinkludi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar reġim ta' responsabbiltà ċivili għall-intelliġenza artifiċjali

(2020/2014(INL))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 225 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 85/374/KEE tal-25 ta' Lulju 1985 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri dwar responsabbiltà għall-prodotti difettużi,

– wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1488 tat-28 ta' Settembru 2018 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew[1],

– wara li kkunsidra l-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ġunju 2018 li jistabbilixxi l-programm Ewropa Diġitali għall-perjodu 2021-2027 (COM(2018)0434),

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Frar 2017 b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar Regoli ta' Dritt Ċivili dwar ir-Robotika[2],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-1 ta' Ġunju 2017 dwar id-diġitalizzazzjoni tal-industrija Ewropea[3],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Settembru 2018 dwar sistemi ta' armi awtonomi[4],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Frar 2019 dwar politika industrijali Ewropea komprensiva dwar l-intelliġenza artifiċjali u r-robotika[5],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Frar 2020 dwar proċessi deċiżjonali awtomatizzati: niżguraw il-protezzjoni tal-konsumatur u l-moviment liberu tal-merkanzija u tas-servizzi[6],

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-25 ta' April 2018 intitolata "L-Intelliġenza Artifiċjali għall-Ewropa" (COM(2018)0237),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta' Diċembru 2018 intitolata

[1] ĠU L 252, 8.10.2018, p. 1.
[2] ĠU C 252, 18.7.2018, p. 239.
[3] ĠU C 307, 30.8.2018, p. 163.
[4] ĠU C 433, 23.12.2019, p. 86.
[5] Testi adottati, P8_TA(2019)0081.
[6] Testi adottati, P9_TA(2020)0032.

"Pjan Ikkoordinat dwar l-Intelliġenza Artifiċjali" (COM(2018)0795),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-8 ta' April 2019 intitolata "Nibnu l-Fiduċja fl-Intelliġenza Artifiċjali Ċċentrata Fuq il-Bniedem" (COM(2019)0168),

– wara li kkunsidra l-White Paper tal-Kummissjoni tad-19 ta' Frar 2020 dwar l-Intelliġenza Artifiċjali - Approċċ Ewropew għall-eċċellenza u għall-fiduċja,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni tad-19 ta' Frar 2020 dwar l-implikazzjonijiet tas-sigurtà u tar-responsabbiltà tal-Intelliġenza Artifiċjali, tal-Internet tal-Oġġetti u tar-robotika,

– wara li kkunsidra l-briefing tematiku ta' STOA tas-Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew ta' Ġunju 2016 dwar ir-riflessjonijiet ġuridiċi u etiċi li jikkonċernaw ir-robotika,

– wara li kkunsidra l-Istudju tad-Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni ta' Ottubru 2016 għall-Kumitat għall-Affarijiet Legali intitolat "Regoli Ewropej ta' Dritt Ċivili dwar ir-Robotika",

– wara li kkunsidra r-rapport tat-8 ta' April 2019 intitolat "Linji Gwida dwar l-Etika għal AI affidabbli" tal-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli dwar l-Intelliġenza Artifiċjali,

– wara li kkunsidra r-rapport tat-8 ta' April 2019 intitolat "Definizzjoni tal-AI: Kapaċitajiet u Dixxiplini Ewlenin" tal-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli dwar l-Intelliġenza Artifiċjali,

– wara li kkunsidra r-rapport tas-26 ta' Ġunju 2019 intitolat "Rakkomandazzjonijiet Politiċi u tal-Investimenti għal IA affidabbli" tal-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli dwar l-Intelliġenza Artifiċjali,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-21 ta' Novembru 2019 intitolat "Responsabbiltà għall-Intelliġenza Artifiċjali u għat-teknoloġiji diġitali emerġenti l-oħra" tal-Grupp ta' Esperti dwar ir-Responsabbiltà u t-Teknoloġiji l-Ġodda – Formazzjoni ta' Teknoloġiji Ġodda,

– wara li kkunsidra l-Artikoli 47 u 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjonijiet tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur u tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A9-0000/2020),

A. billi l-kunċett ta' "responsabbiltà" jiżvolġi rwol importanti doppju fil-ħajja ta' kuljum tagħna: minn naħa, il-kunċett jiżgura li persuna li ġarrbet dannu jew ħsara għandha dritt titlob indennizz mill-parti li jintwera li hi responsabbli minn tali dannu jew ħsara u, min-naħa l-oħra, joffri l-inċentivi ekonomiċi għall-persuni fiżiċi u ġuridiċi biex jevitaw li jikkawżaw dannu jew ħsara fl-ewwel lok;

B. billi kwalunkwe qafas ta' responsabbiltà orjentat lejn il-futur għandu jsib bilanċ bejn il-

protezzjoni effiċjenti tal-vittmi potenzjali tad-dannu jew tal-ħsara u, fl-istess ħin, jagħti biżżejjed marġni biex ikun possibbli l-iżvilupp ta' teknoloġiji, prodotti jew servizzi ġodda; billi, fl-aħħar mill-aħħar, l-għan ta' kwalunkwe qafas ta' responsabbiltà għandu jkun li jagħti ċ-ċertezza tad-dritt lill-partijiet kollha, sew jekk ikun il-produttur, l-implimentatur, il-persuna milquta jew kwalunkwe parti terza oħra;

C. billi d-determinazzjoni u l-imputazzjoni tar-responsabbiltà għal ħsara jew dannu delittwali ġeneralment isiru abbażi tal-prinċipji tar-reġimi ta' responsabbiltà bbażata fuq negliġenza; billi f'bosta każijiet il-leġiżlatur jew il-ġurisprudenza tal-Istati Membri adattaw ir-reġimi ta' responsabbiltà għal bżonnijiet differenti, pereżempju għal teknoloġiji emerġenti ġodda;

D. billi l-ordinament ġuridiku ta' Stat Membru jista' jeskludi r-responsabbiltà għal ċerti atturi jew jagħmilha aktar stretta għal ċerti attivitajiet; billi b'responsabbiltà oġġettiva huwa mifhum li parti tista' tkun responsabbli minkejja l-assenza ta' negliġenza; billi f'bosta drittijiet dwar l-atti delittwali, il-konvenut jinżamm oġġettivament responsabbli jekk jimmaterjalizza riskju li l-konvenut ħoloq għall-pubbliku, bħal fil-forma ta' karozzi jew attivitajiet perikoluż, jew li mhumiex fil-kontroll tiegħu, bħal annimali;

E. billi s-sistemi tal-intelliġenza artifiċjali (sistemi tal-IA) jippreżentaw sfidi ġuridiċi sinifikanti għall-qafas ta' responsabbiltà eżistenti u jistgħu jwasslu għal sitwazzjonijiet li fihom l-opaċità tagħhom tista' tagħmel estremament għalja jew saħansitra impossibbli l-identifikazzjoni ta' min kien fil-kontroll tar-riskju assoċjat mas-sistema tal-IA jew ta' liema kodiċi jew intervent fl-aħħar mill-aħħar ikkawża l-funzjonament dannuż;

F. billi din id-diffikultà hija aggravata mill-konnettività bejn sistema tal-IA u s-sistemi tal-IA u mhux tal-IA l-oħra, mid-dipendenza minn data esterna, mill-vulnerabbiltà għall-ksur taċ-ċibersigurtà kif ukoll mill-awtonomija dejjem akbar tas-sistemi tal-IA kkawżata mill-kapaċitajiet ta' apprendiment awtomatiku (machine learning) u ta' apprendiment profond (deep learning);

G. billi standards etiċi sodi għas-sistemi tal-IA flimkien ma' proċeduri ta' indennizz robusti u ġusti jistgħu jgħinu biex dawk l-isfidi ġuridiċi jiġu indirizzati; billi bi proċeduri ta' responsabbiltà ġusti huwa mifhum li kull persuna li ġġarrab dannu kkawżat minn sistemi tal-IA jew li l-ħsara lill-proprjetà tagħha hija kkawżata minn sistemi tal-IA għandu jkollha l-istess livell ta' protezzjoni meta mqabbel mal-każijiet mingħajr l-involviment ta' sistema tal-IA.

Introduzzjoni

1. Iqis li l-isfida relatata mal-introduzzjoni ta' sistemi tal-IA fis-soċjetà u fl-ekonomija hija waħda mill-kwistjonijiet l-aktar importanti fl-aġenda politika attwali; billi t-teknoloġiji bbażati fuq l-IA jistgħu jtejbulna ħajjitna fi kważi kull settur, mill-isfera personali (pereżempju edukazzjoni personalizzata, programmi ta' eżerċizzju fiżiku) għall-isfidi globali (pereżempju t-tibdil fil-klima, u l-ġuħ);

2. Jemmen b'konvinzjoni li biex jiġu sfruttati b'mod effiċjenti l-vantaġġi u impediti l-użi ħżiena potenzjali, għas-sistemi tal-IA kollha hija kruċjali leġiżlazzjoni bbażata fuq il-prinċipji u li tibqa' valida fil-futur fl-UE kollha; huwa tal-fehma li, filwaqt li huma preferibbli regolamenti speċifiċi għas-setturi għal firxa wiesgħa ta' applikazzjonijiet

possibbli, jidher li huwa neċessarju qafas ġuridiku orizzontali biex jiġu stabbiliti standards ugwali fl-Unjoni u jitħarsu b'mod effikaċi l-valuri Ewropej tagħna;

3. Jafferma li s-Suq Uniku Diġitali jeħtieġ li jkun totalment armonizzat peress li l-isfera diġitali hija kkaratterizzata minn dinamika transfruntiera rapida u minn flussi ta' data internazzjonali; iqis li l-Unjoni se tilħaq l-objettivi li żżomm s-sovranità diġitali tal-UE u li tagħti spinta lill-innovazzjoni diġitali "made in Europe" bis-saħħa ta' regoli konsistenti u komuni biss;

4. Jemmen b'konvinzjoni li r-regoli komuni l-ġodda għas-sistemi tal-IA għandhom jieħdu biss forma ta' regolament; iqis li l-kwistjoni tar-responsabbiltà f'każijiet ta' dannu jew ħsara kkawżati minn sistema tal-IA hija wieħed mill-aspetti ewlenin li għandhom jiġu indirizzati f'dan il-qafas;

Responsabbiltà u Intelliġenza Artifiċjali

5. Jemmen li m'hemmx bżonn reviżjoni totali tar-reġimi ta' responsabbiltà li qegħdin jaħdmu sewwa iżda l-kumplessità, il-konnettività, l-opaċità, il-vulnerabbiltà u l-awtonomija tas-sistemi tal-IA jirrappreżentaw madankollu sfida notevoli; iqis li huma neċessarji adattamenti speċifiċi biex tkun evitata sitwazzjoni li fiha l-persuni li jġarrbu dannu jew li ssir ħsara lill-proprjetà tagħhom jispiċċaw mingħajr indennizz;

6. Josserva li l-attivitajiet, l-apparat jew il-proċessi fiżiċi jew virtwali kollha mmexxija minn sistemi tal-IA jistgħu teknikament ikunu l-kawża diretta jew indiretta ta' dannu jew ħsara, iżda huma dejjem ir-riżultat ta' xi ħadd li jkun qiegħed jibni sistemi, jimplimentahom jew jinterferixxi fihom; huwa tal-fehma li l-opaċità u l-awtonomija tas-sistemi tal-IA jistgħu, fil-prattika, jagħmluha ferm diffiċli jew saħansitra impossibbli li dak li jkun isib li l-azzjonijiet dannużi speċifiċi tas-sistemi tal-IA oriġinaw minn intervent tal-bniedem jew minn deċiżjonijiet fid-disinn; ifakkar li, skont il-kunċetti ta' responsabbiltà aċċettati b'mod wiesa', dak li jkun madankollu jista' jevita dan l-ostaklu billi jinżammu responsabbli l-persuni li joħolqu, iżommu jew jikkontrollaw ir-riskju assoċjat mas-sistema tal-IA;

7. Iqis li d-Direttiva dwar ir-Responsabbiltà għall-Prodotti wriet li hija mezz effikaċi ta' kif wieħed jikseb indennizz għal dannu kkawżat minn prodott difettuż; josserva, għalhekk, li għandha tintuża wkoll fir-rigward tal-pretensjonijiet tar-responsabbiltà ċivili kontra l-produttur ta' sistema tal-IA difettuża, meta s-sistemi tal-IA tikkwalifika bħala prodott fl-ambitu ta' tali Direttiva; jekk hemm bżonn adattamenti għad-Direttiva dwar ir-Responsabbiltà għall-Prodotti, dawn għandhom jiġu diskussi matul ir-rieżami ta' tali Direttiva; huwa tal-fehma li, għal finijiet taċ-ċertezza tad-dritt fl-Unjoni kollha, l-"operatur backend" għandu jkun sottopost għall-istess regoli tar-responsabbiltà bħall-produttur, il-manifattur u l-iżviluppatur;

8. Iqis li d-dritt dwar l-atti delittwali bbażat fuq negliġenza eżistenti tal-Istati Membri joffri, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, livell suffiċjenti ta' protezzjoni għall-persuni li jġarrbu dannu kkawżat minn terza persuna interferenti bħal hacker jew li l-proprjetà tagħha ssirilha ħsara minn tali terza persuna, inkwantu l-interferenza tikkostitwixxi regolarment azzjoni bbażata fuq negliġenza; josserva li fil-każijiet biss li fihom it-terza persuna ma tistax tinstab jew tkun nieqsa minn mezzi finanzjarji, jidhru li huma neċessarji regoli addizzjonali dwar ir-responsabbiltà;

9. Iqis, għaldaqstant, li jkun xieraq li dan ir-rapport jikkonċentra fuq il-pretensjonijiet tar-responsabbiltà ċivili kontra l-implimentatur ta' sistema tal-IA; jafferma li r-responsabbiltà tal-implimentatur hija ġustifikata mill-fatt li qiegħed fil-kontroll tar-riskju assoċjat mas-sistemi tal-IA, imqabbel ma' sid ta' karozza jew ta' annimal domestiku; iqis li minħabba l-kumplessità u l-konnettività tas-sistema tal-IA, l-implimentatur f'bosta każijiet ikun l-ewwel punt ta' kuntatt viżibbli għall-persuna milquta;

Responsabbiltà tal-implimentatur

10. Jesprimi l-opinjoni tiegħu dwar il-fatt li r-regoli tar-responsabbiltà li jinvolvu l-implimentatur għandhom, fil-prinċipju, ikopru l-funzjonamenti kollha tas-sistemi tal-IA, ikun fejn ikun il-post tal-funzjonament u sew jekk dan isir fiżikament jew virtwalment; jirrimarka li l-funzjonament fi spazji pubbliċi li jesponi lil ħafna terzi persuni għal riskju jikkostitwixxi, madankollu, każijiet li jirrikjedu eżami ulterjuri; iqis li l-vittmi potenzjali tad-dannu jew tal-ħsara spiss ma jkunux jafu bil-funzjonament u ma għandhomx regolarment pretensjonijiet ta' responsabbiltà kuntrattwali kontra l-implimentatur; josserva li meta jimmaterjalizzaw id-dannu jew il-ħsara, tali terzi persuni jkollhom biss pretensjoni ta' responsabbiltà minħabba negliġenza, u jista' jkunilhom diffiċli juru n-negliġenza tal-implimentatur tas-sistema tal-IA;

11. Iqis li jkun xieraq li l-implimentatur ikun deskritt bħala l-persuna li tiddeċiedi dwar l-użu tas-sistema tal-IA, li teżerċita kontroll fuq ir-riskju u li tibbenefika mill-funzjonament tagħha; iqis li bl-eżerċizzju tal-kontroll huwa mifhum kwalunkwe azzjoni tal-implimentatur li tolqot il-modalità tal-funzjonament mill-bidu sat-tmiem jew li tbiddel funzjonijiet jew proċessi speċifiċi fis-sistema tal-IA;

12. Josserva li jista' jkun hemm sitwazzjonijiet b'aktar minn implimentatur wieħed; iqis li, f'dik l-eventwalità, l-implimentaturi kollha għandhom ikollhom responsabbiltà *in solidum* filwaqt li għandhom id-dritt ta' rivalsa, b'mod proporzjonat, fil-konfront ta' xulxin;

Regoli ta' responsabbiltà differenti għal riskji differenti

13. Jirrikonoxxi li t-tip ta' sistema tal-IA li fuqha l-implimentatur qiegħed jeżerċita kontroll huwa fattur determinanti; josserva li sistema tal-IA li tinvolvi riskju għoli jqiegħed potenzjalment fil-periklu lill-pubbliku ġenerali f'livell ferm ogħla; iqis li, abbażi tal-isfidi ġuridiċi li joħolqu s-sistemi tal-IA lir-reġimi ta' responsabbiltà eżistenti, jidher raġonevoli li jitwaqqaf reġim ta' responsabbiltà oġġettiva għal dawk is-sistemi tal-IA b'riskju għoli;

14. Jemmen li sistema tal-IA tippreżenta riskju għoli meta l-funzjonament awtonomu tagħha jinvolvi riskju importanti li tkun ikkawżata dannu lil persuna waħda jew aktar b'mod każwali u imprevedibbli; iqis li l-importanza tar-riskju tiddependi mill-interazzjoni bejn il-gravità tad-dannu possibbli, il-probabbiltà li r-riskju jimmaterjalizza u l-mod li bih is-sistema tal-IA qiegħda tintuża;

15. Jirrakkomanda li s-sistemi tal-IA b'riskju għoli jiġu elenkati f'Anness mar-Regolament propost; jirrikonoxxi li, fid-dawl tar-rapidità tal-evoluzzjoni teknoloġika u tal-kompetenzi tekniċi rikjesti, għandha tkun il-Kummissjoni li tirrieżamina kull sitt xhur

dak l-Anness u, jekk neċessarju, temendah permezz ta' att delegat; jemmen li l-Kummissjoni għandha tikkoopera mill-qrib ma' kumitat permanenti ġdid simili għall-Kumitat Permanenti dwar il-Prekursuri jew il-Kumitat Tekniku – Vetturi bil-Mutur eżistenti, li jinkludu esperti nazzjonali tal-Istati Membri u partijiet ikkonċernati; iqis li l-kompożizzjoni bbilanċjata tal-"Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli dwar l-Intelliġenza Artifiċjali" tista' sservi ta' eżempju għall-formazzjoni tal-grupp tal-partijiet ikkonċernati;

16. Jemmen li konformement mas-sistemi tar-responsabbiltà oġġettiva tal-Istati Membri, ir-Regolament propost għandu jkopri biss id-dannu li ssir lid-drittijiet importanti protetti bil-liġi bħall-ħajja, is-saħħa, l-integrità fiżika u l-proprjetà, u għandu jiffissa l-ammonti u l-portata tal-indennizz kif ukoll it-terminu ta' preskrizzjoni;

17. Jiddetermina li l-attivitajiet, l-apparat jew il-proċessi kollha mmexxija minn sistemi tal-IA li jikkawżaw dannu jew ħsara iżda li mhumiex elenkati fl-Anness tar-Regolament propost għandhom jibqgħu suġġetti għar-responsabbiltà bbażata fuq negliġenza; jemmen li l-persuna milquta għandha madankollu tibbenefika mill-preżunzjoni tan-negliġenza tal-implimentatur;

Assigurazzjonijiet u sistemi tal-IA

18. Iqis ir-riskju fil-qasam tar-responsabbiltà bħala wieħed mill-fatturi ewlenin li jiddefinixxi s-suċċess tat-teknoloġiji, tal-prodotti u tas-servizzi l-ġodda; josserva li kopertura tar-riskju adegwata hija wkoll essenzjali biex il-pubbliku jserraħ moħħu li jista' jafda t-teknoloġija l-ġdida minkejja r-riskju li jġarrab dannu jew li jaffronta azzjonijiet legali mill-persuni milquta;

19. Huwa tal-fehma li, abbażi tar-riskju importanti li jkun ikkawżat dannu u fid-dawl tad-Direttiva 2009/103/KE[7], l-implimentaturi kollha ta' sistemi tal-IA b'riskju għoli elenkati fl-Anness mar-Regolament propost għandhom jissottoskrivu kuntratt ta' assigurazzjoni ta' responsabbiltà ċivili; iqis li tali reġim ta' assigurazzjoni obbligatorja għas-sistemi tal-IA b'riskju għoli għandu jkopri l-ammonti u l-portata tal-indennizz stabbiliti mir-Regolament propost;

20. Jemmen li mekkaniżmu ta' indennizzi Ewropew, iffinanzjat minn fondi pubbliċi, mhuwiex il-mod ġust biex jimtlew il-lakuni potenzjali fl-assigurazzjonijiet; iqis li bl-esperjenza pożittiva tal-ambjent ta' sperimentazzjoni regolatorja fis-settur tat-teknoloġija finanzjarja quddiem għajnejna, għandu jkun is-suq tal-assigurazzjoni li jadatta ruħu għall-prodotti eżistenti jew joħloq koperturi ta' assigurazzjoni ġodda għall-ħafna setturi u għad-diversi teknoloġiji, prodotti u servizzi differenti li jinvolvu s-sistemi tal-IA;

Aspetti finali

21. Jitlob lill-Kummissjoni biex, fuq il-bażi tal-Artikolu 225 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, tippreżenta proposta għal regolament dwar ir-responsabbiltà għall-funzjonament ta' sistemi tal-intelliġenza artifiċjali, filwaqt li ssegwi r-rakkomandazzjonijiet li jinsabu fl-anness;

[7] ĠU L 263, 7.10.2009, p. 11.

22. Huwa tal-fehma li l-proposta mitluba m'għandhiex implikazzjonijiet finanzjarji;

23. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni kif ukoll ir-rakkomandazzjonijiet li jinsabu fl-anness lill-Kummissjoni u lill-Kunsill.

ANNESS GĦALL-MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI: RAKKOMANDAZZJONIJIET DETTALJATI FID-DAWL TAT-TĦEJJIJA TA' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL DWAR IR-RESPONSABBILTÀ GĦALL-FUNZJONAMENT TA' SISTEMI TAL-INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI

A. PRINĊIPJI U OBJETTIVI TAL-PROPOSTA

Dan ir-rapport qiegħed jindirizza aspett importanti tad-diġitalizzazzjoni, li huwa stess iffurmat minn attivitajiet transfruntiera u kompetizzjoni globali. Il-prinċipji li ġejjin għandhom iservu ta' gwida:

- Suq Uniku Diġitali veru jirrikjedi armonizzazzjoni totali permezz ta' Regolament.
- L-isfidi ġuridiċi l-ġodda maħluqa mill-implimentazzjoni ta' sistemi tal-intelliġenza artifiċjali (IA) għandhom ikunu indirizzati billi tiġi stabbilita ċertezza tad-dritt massima għall-produttur, l-implimentatur, il-persuna milquta u kwalunkwe parti terza oħra.
- M'għandu jkun hemm l-ebda regolamentazzjoni żejda billi tista' xxekkel l-innovazzjoni Ewropea fl-IA, speċjalment jekk it-teknoloġija, il-prodott jew is-servizz huma żviluppati minn SMEs jew start-ups.
- Minflok ma jiġu sostitwiti r-reġimi ta' responsabbiltà eżistenti li qegħdin jaħdmu sewwa, għandna nagħmlu xi adattamenti speċifiċi billi nintroduċu ideat ġodda u orjentati lejn il-futur.
- Dan ir-rapport u d-Direttiva dwar ir-Responsabbiltà għall-Prodotti huma żewġ pilastri ta' qafas ta' responsabbiltà komuni għas-sistemi tal-IA u jirrikjedu koordinament mill-qrib bejn l-atturi politiċi kollha.
- Iċ-ċittadini għandu jkollhom id-dritt għall-istess livell ta' protezzjoni u drittijiet, sew jekk id-dannu huwa kkawżat minn sistema tal-IA sew jekk le, jew jekk isir fiżikament inkella virtwalment.

B. TEST LEĠIŻLATTIV PROPOST

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar ir-responsabbiltà għall-funzjonament ta' sistemi tal-intelliġenza artifiċjali

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz ta' att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[1],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja[2],

Billi:

(1) il-kunċett ta' "responsabbiltà" jiżvolġi rwol importanti doppju fil-ħajja ta' kuljum tagħna: minn naħa, il-kunċett jiżgura li persuna li ġarrbet dannu jew ħsara għandha dritt titlob indennizz mill-parti li jintwera li hi responsabbli minn tali dannu jew ħsara u, min-naħa l-oħra, joffri l-inċentivi ekonomiċi għall-persuni biex jevitaw li jikkawżaw dannu jew ħsara fl-ewwel lok. Kwalunkwe qafas ta' responsabbiltà jenħtieġ li jsib bilanċ bejn il-protezzjoni effiċjenti tal-vittmi potenzjali tal-ħsara u, fl-istess ħin, jagħti biżżejjed marġni biex ikun possibbli l-iżvilupp ta' teknoloġiji, prodotti jew servizzi ġodda.

(2) Speċjalment fil-bidu taċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodotti u tas-servizzi l-ġodda, jeżisti ċertu grad ta' riskju għall-utent kif ukoll għat-terzi persuni li xi ħaġa mhijiex qiegħda taħdem kif suppost. Dan il-proċess ta' tentattivi u żbalji huwa fl-istess ħin vettur essenzjali tal-progress tekniku li mingħajru l-biċċa l-kbira tat-teknoloġiji tagħna ma jkunux jeżistu. Sal-lum, ir-riskji assoċjati mal-prodotti u mas-servizzi l-ġodda ġew imtaffija b'mod adegwat bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni dwar is-sikurezza tal-prodotti u ta' regoli dwar ir-responsabbiltà sodi.

(3) Iż-żieda fl-intelliġenza artifiċjali (IA) madankollu tippreżenta sfida sinifikanti għall-oqfsa ta' responsabbiltà eżistenti. L-użu tas-sistemi tal-IA fil-ħajja ta' kuljum tagħna se jwassal għal sitwazzjonijiet li fihom l-opaċità tagħhom (element tal-"kaxxa s-sewda") tista' tagħmel estremament għalja jew saħansitra impossibbli l-identifikazzjoni ta' min kien fil-kontroll tar-riskju marbut mal-użu tas-sistema tal-IA inkwistjoni jew ta' liema kodiċi jew intervent ikkawża l-funzjonament dannuż. Din id-diffikultà hija aggravata

[1] ĠU ...
[2] ĠU ...

mill-konnettività bejn sistema tal-IA u s-sistemi tal-IA u mhux tal-IA l-oħra, mid-dipendenza tagħha minn data esterna, mill-vulnerabbiltà tagħha għall-ksur taċ-ċibersigurtà kif ukoll mill-awtonomija dejjem akbar tas-sistemi tal-IA kkawżata mill-kapaċitajiet ta' apprendiment awtomatiku (machine learning) u ta' apprendiment profond (deep learning). Minbarra dawn il-karatteristiċi kumplessi u l-vulnerabbiltajiet potenzjali, is-sistemi tal-IA jistgħu jintużaw ukoll biex jikkawżaw dannu gravi, pereżempju jikkompromettu l-valuri u l-libertajiet tagħna billi l-individwi jiġu traċċati kontra r-rieda tagħhom, bl-introduzzjoni ta' Sistemi ta' Krediti Soċjali jew bil-kostruzzjoni ta' sistema ta' armi awtonomi letali.

(4) F'dan il-punt, huwa importanti li tingħibed l-attenzjoni għall-fatt li l-vantaġġi tal-implimentazzjoni ta' sistemi tal-IA se jkunu bil-bosta ogħla mill-iżvantaġġi. Se jgħinu biex jingħeleb it-tibdil fil-klima b'mod aktar effikaċi, jitjiebu l-visti mediċi, jiġu integrati aħjar fis-soċjetà l-persuni b'diżabbiltà u jiġu offruti korsijiet tal-edukazzjoni personalizzati lit-tipi kollha ta' studenti. Bil-għan li jiġu sfruttati d-diversi opportunitajiet teknoloġiċi u titqawwa l-fiduċja tan-nies fl-użu tas-sistemi tal-IA, filwaqt li fl-istess ħin jiġu evitati xenarji dannużi, il-kombinazzjoni ta' standards etiċi sodi ma' indennizzi robusti u ġusti hija l-aħjar soluzzjoni.

(5) Jenħtieġ li kwalunkwe diskussjoni dwar it-tibdiliet meħtieġa fil-qafas ġuridiku eżistenti tibda billi jiġi ċċarat li s-sistemi tal-IA la għandhom personalità ġuridika u lanqas kuxjenza umana, u li l-uniku kompitu tagħhom huwa li jaqdu l-umanità. Ħafna sistemi tal-IA barra minn hekk mhumiex daqstant differenti mit-teknoloġiji l-oħra, li xi kultant huma bbażati fuq software saħansitra aktar kumpless. Fl-aħħar mill-aħħar, il-maġġoranza assoluta tas-sistemi tal-IA tintuża biex tieħu ħsieb kompiti ta' ftit importanza mingħajr l-ebda riskju għas-soċjetà. Jeżistu anki madankollu sistemi tal-IA li huma implimentati b'mod kritiku u huma bbażati fuq netwerks newronali u proċessi ta' apprendiment profond (deep learning). L-opaċità u l-awtonomija tagħhom jistgħu jagħmluha ferm diffiċli li dak li jkun isib li l-azzjonijiet speċifiċi oriġinaw minn deċiżjonijiet speċifiċi meħuda mill-bniedem fid-disinn tagħhom jew fil-funzjonament tagħhom. Implimentatur ta' sistema tal-IA bħal din jista', ngħidu aħna, jargumenta li l-attività, l-apparat jew il-proċess fiżiċi jew virtwali li jikkawżaw id-dannu jew il-ħsara ma kinux fil-kontroll tiegħu għax kienu kkawżati minn funzjonament awtonomu tas-sistema tal-IA tiegħu. Is-sempliċi funzjonament ta' sistema tal-IA awtonoma jenħtieġ li ma jkunx fl-istess ħin motiv suffiċjenti għall-ammissjoni ta' pretensjoni ta' responsabbiltà. Bħala riżultat ta' dan, jista' jkun hemm każijiet ta' responsabbiltà li fihom persuna li ġġarrab dannu jew ħsara kkawżati minn sistema tal-IA ma tistax turi n-negliġenza tal-produttur, ta' terza persuna interferenti jew tal-implimentatur u tispiċċa mingħajr indennizz.

(6) Madankollu, jenħtieġ li jkun dejjem ċar li jkun min ikun li joħloq, iżomm, jikkontrolla s-sistema tal-IA jew jinterferixxi fiha, jenħtieġ li jagħti kont tad-dannu jew tal-ħsara li kkawżaw l-attività, l-apparat jew il-proċess. Dan jirriżulta minn kunċetti ta' ġustizzja

ġenerali u aċċettati b'mod wiesa' fil-qasam tar-responsabbiltà, skont liema l-persuna li toħloq riskju għall-pubbliku hija responsabbli jekk tali riskju jimmaterjalizza. Konsegwentement, iż-żieda fis-sistemi tal-IA ma toħloqx il-bżonn ta' reviżjoni totali tar-regoli ta' responsabbiltà fl-Unjoni. Ikunu biżżejjed adattamenti speċifiċi tal-leġiżlazzjoni fis-seħħ u għadd żgħir ħafna ta' dispożizzjonijiet ġodda biex nadattaw ruħna għall-isfidi relatati mal-IA.

(7) Id-Direttiva tal-Kunsill 85/374/KEE[3] (id-Direttiva dwar ir-Responsabbiltà għall-Prodotti) uriet li hija mezz effikaċi ta' kif wieħed jikseb indennizz għal ħsara kkawżata minn prodott difettuż. Għalhekk, jenħtieġ li tintuża wkoll fir-rigward tal-pretensjonijiet tar-responsabbiltà ċivili ta' parti li ġġarrab dannu jew ħsara fil-konfront tal-produttur ta' sistema tal-IA difettuża. Konformement mal-prinċipji ta' regolamentazzjoni aħjar tal-Unjoni, kwalunkwe adattament leġiżlattiv neċessarju jenħtieġ li jiġi diskuss matul rieżami ta' tali Direttiva. Id-dritt dwar ir-responsabbiltà bbażata fuq negliġenza eżistenti tal-Istati Membri joffri wkoll, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, livell suffiċjenti ta' protezzjoni għall-persuni li jġarrbu dannu jew ħsara kkawżati minn terza persuna interferenti, inkwantu l-interferenza tikkostitwixxi regolarment azzjoni bbażata fuq negliġenza. Konsegwentement, dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkonċentra fuq il-pretensjonijiet fil-konfront tal-implimentatur ta' sistema tal-IA.

(8) Ir-responsabbiltà tal-implimentatur fl-ambitu ta' dan ir-Regolament hija bbażata fuq il-fatt li jikkontrolla riskju assoċjat mal-funzjonament ta' sistema tal-IA. Meta mqabbel ma' sid ta' karozza jew ta' annimal domestiku, l-implimentatur jista' jeżerċita ċertu livell ta' kontroll fuq ir-riskju li l-oġġett joħloq. Jenħtieġ li bl-eżerċizzju tal-kontroll ikun mifhum kwalunkwe azzjoni tal-implimentatur li tolqot il-modalità tal-funzjonament mill-bidu sat-tmiem jew li tbiddel funzjonijiet jew proċessi speċifiċi fis-sistema tal-IA.

(9) Jekk utent, jiġifieri l-persuna li tuża s-sistema tal-IA, huwa involut f'event dannuż, jenħtieġ li hu biss jinżamm responsabbli skont dan ir-Regolament jekk l-utent jikkwalifika anki bħala implimentatur. Jenħtieġ li dan ir-Regolament ma jqisx l-operatur backend, li huwa l-persuna li tiddefinixxi kontinwament il-karatteristiċi tat-teknoloġija rilevanti u li toffri sostenn backend essenzjali u kontinwu, bħala implimentatur u għalhekk jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet tiegħu ma japplikawx għalih. Għal finijiet taċ-ċertezza tad-dritt fl-Unjoni kollha, jenħtieġ li l-operatur backend ikun sottopost għall-istess regoli tar-responsabbiltà bħall-produttur, il-manifattur u l-iżviluppatur.

(10) Jenħtieġ li dan ir-Regolament ikopri, fil-prinċipju, is-sistemi tal-IA kollha, ikun fejn ikun il-post tal-funzjonament u sew jekk dan isir fiżikament jew virtwalment. Il-maġġoranza tal-pretensjonijiet ta' responsabbiltà fl-ambitu ta' dan ir-Regolament jenħtieġ madankollu li tindirizza l-każijiet ta' responsabbiltà ċivili, meta sistema tal-IA taħdem fi spazju pubbliku jew tesponi lil ħafna terzi persuni għal riskju. F'tali

[3] Id-Direttiva tal-Kunsill 85/374/KEE tal-25 ta' Lulju 1985 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri dwar responsabbiltà għall-prodotti difettużi, ĠU L 210, 7.8.1985, p. 29.

sitwazzjoni, il-persuni milquta spiss ma jkunux jafu li sistema tal-IA tkun qiegħda taħdem u ma jkollhom l-ebda relazzjoni kuntrattwali jew ġuridika mal-implimentatur. Konsegwentement, il-funzjonament tas-sistema tal-IA tpoġġihom f'sitwazzjoni li fiha, fl-eventwalità li jkunu kkawżati dannu jew ħsara, huma għandhom biss pretensjonijiet ta' responsabbiltà bbażata fuq negliġenza fil-konfront tal-implimentatur tas-sistema tal-IA, barra mill-fatt li jkunilhom diffiċli ħafna juru n-negliġenza min-naħa tal-implimentatur.

(11) It-tip ta' sistema tal-IA li fuqha l-implimentatur qiegħed jeżerċita kontroll huwa fattur determinanti. Sistema tal-IA li tinvolvi riskju għoli potenzjalment tqiegħed fil-periklu l-pubbliku f'livell ferm ogħla u b'mod każwali u imprevedibbli. Dan ifisser li fil-bidu tal-funzjonament awtonomu tas-sistema tal-IA, il-maġġoranza tal-persuni potenzjalment milquta mhijiex magħrufa u mhijiex identifikabbli (pereżempju l-persuni li jinsabu fi pjazza pubblika jew f'dar fil-viċinanzi), meta mqabbel mal-funzjonament ta' sistema tal-IA li tinvolvi persuni speċifiċi, li qabel kienu regolarment taw il-kunsens tagħhom għall-implimentazzjoni tagħha (pereżempju f'intervent kirurġiku fi sptar jew f'dimostrazzjoni ta' bejgħ f'ħanut żgħir). Jenħtieġ li d-determinazzjoni ta' kemm huwa importanti r-riskju li jkunu kkawżati dannu jew ħsara minn sistema tal-IA b'riskju għoli tiddependi mill-interazzjoni bejn il-mod li bih tintuża s-sistema tal-IA, il-gravità tad-dannu jew tal-ħsara potenzjali u l-probabbiltà li r-riskju jimmaterjalizza. Jenħtieġ li livell ta' gravità jkun iddeterminat abbażi tal-kobor tad-dannu potenzjali li tirriżulta mill-funzjonament, tal-għadd ta' persuni milquta, tal-valur totali tal-ħsara potenzjali kif ukoll tad-danni lis-soċjetà fl-intier tagħha. Il-probabbiltà jenħtieġ li tkun iddeterminata abbażi tar-rwol tal-kalkoli algoritmiċi fil-proċess deċiżjonali, tal-kumplessità tad-deċiżjoni u tar-reversibbiltà tal-effetti. Fl-aħħar mill-aħħar, il-mod tal-użu jenħtieġ li jiddependi, fost oħrajn, mis-settur li fih taħdem is-sistema tal-IA, jekk jista' jkollu effetti ġuridiċi u fattwali fuq drittijiet importanti protetti bil-liġi tal-persuni milquta u jekk l-effetti jistgħux jiġu raġonevolment evitati.

(12) Is-sistemi tal-IA b'riskju għoli kollha jenħtieġ li jkunu elenkati fl-Anness ma' dan ir-Regolament. Fid-dawl tar-rapidità tal-evoluzzjoni teknika u tas-suq kif ukoll tal-kompetenzi tekniċi meħtieġa għal rieżami adegwat tas-sistemi tal-IA, is-setgħa li jkunu adottati atti delegati skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tkun iddelegata lill-Kummissjoni biex temenda dan ir-Regolament f'dak li għandu x'jaqsam mat-tipi ta' sistemi tal-IA li joħolqu riskju għoli u mas-setturi kritiċi li fihom jintużaw. Abbażi tad-definizzjonijiet u tad-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament, jenħtieġ li, kull sitt xhur, il-Kummissjoni tagħmel rieżami tal-Anness u, jekk ikun il-każ, temendah permezz ta' atti delegati. Bil-għan li lill-impriżi jingħataw biżżejjed ħin għall-ippjanar u sigurtà fl-investimenti, jenħtieġ li t-tibdiliet tas-setturi kritiċi jsiru biss kull 12-il xahar. L-iżviluppaturi huma mistiedna jinnotifikaw lill-Kummissjoni jekk attwalment ikunu qegħdin jaħdmu fuq teknoloġija, prodott jew servizz ġodda li jidħlu f'wieħed mis-setturi kritiċi indikati fl-Anness u li aktar tard jista' jikkwalifika bħala sistema tal-IA b'riskju għoli.

(13) Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, ukoll fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[4]. Fir-rieżami tal-Kummissjoni skont dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun sostnuta minn kumitat permanenti bl-isem "Kumitat Tekniku – sistemi tal-IA b'riskju għoli" (TCRAI). Jenħtieġ li dan il-kumitat permanenti jkun magħmul minn rappreżentanti tal-Istati Membri kif ukoll minn selezzjoni bbilanċjata tal-partijiet ikkonċernati, inklużi l-organizzazzjonijiet tal-konsumatur, ir-rappreżentanti tal-impriżi minn setturi differenti u ta' daqs differenti kif ukoll minn riċerkaturi u xjenzjati. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni kif ukoll tal-kumitat permanenti TCRAI, meta jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

(14) Konformement mas-sistemi tar-responsabbiltà oġġettiva tal-Istati Membri, jenħtieġ li dan ir-Regolament ikopri biss id-dannu u l-ħsara kkawżati lill-ħajja, lis-saħħa, lill-integrità fiżika u lill-proprjetà. Għall-istess raġuni, jenħtieġ li jiddetermina l-ammont u l-portata tal-indennizz, kif ukoll it-terminu ta' preskrizzjoni għall-preżentazzjoni ta' pretensjoni ta' responsabbiltà. Bil-kuntrarju tad-Direttiva dwar ir-Responsabbiltà għall-Prodotti, dan ir-Regolament jenħtieġ li jiffissa limitu massimu akbar baxx għall-indennizz, billi jirreferi biss għal funzjonament wieħed ta' sistema tal-IA, filwaqt li d-Direttiva msemmija tirreferi għal għadd ta' prodotti jew saħansitra linja ta' prodotti bl-istess difett.

(15) L-attivitajiet, l-apparat jew il-proċessi kollha, kemm fiżiċi kif ukoll virtwali, immexxija minn sistemi tal-IA li mhumiex elenkati fl-Anness ma' dan ir-Regolament bħala sistemi tal-IA b'riskju għoli jenħtieġ li jibqgħu suġġetti għar-responsabbiltà bbażata fuq negliġenza. Il-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-Istati Membri, inkluża kwalunkwe ġurisprudenza rilevanti, fir-rigward tal-ammonti u tal-portata tal-indennizz kif ukoll tat-terminu ta' preskrizzjoni jenħtieġ li jkomplu japplikaw. Jenħtieġ, madankollu, li persuna li ġġarrab dannu jew ħsara kkawżati minn sistema tal-IA tibbenefika mill-preżunzjoni ta' negliġenza tal-implimentatur.

(16) Id-diliġenza li tista' tkun mistennija min-naħa tal-implimentatur jenħtieġ li tkun proporzjonata (i) għan-natura tas-sistema tal-IA, (ii) għad-dritt protett bil-liġi potenzjalment milqut, (iii) għad-dannu jew għall-ħsara potenzjali li s-sistema tal-IA setgħet tikkawża u (iv) għall-probabbiltà ta' tali ħsara sseħħ. Għaldaqstant, jenħtieġ li jitqies il-fatt li l-implimentatur seta' kellu għarfien limitat tal-algoritmi u tad-data użati fis-sistema tal-IA. Jenħtieġ li jkun preżunt li l-implimentatur wera diliġenza dovuta huwa u jagħżel sistema tal-IA adegwata, jekk l-implimentatur ikun għażel sistema tal-

[4] ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

IA li ġiet iċċertifikata fl-ambitu [*tal-iskema ta' ċertifikazzjoni volontarja prevista fil-p. 24 tad-dokument COM(2020) 65 final*]. Jenħtieġ li jkun preżunt li l-implimentatur wera diliġenza dovuta matul il-funzjonament tas-sistema tal-IA, jekk l-implimentatur jista' juri li effettivament u regolarment issorvelja s-sistema tal-IA matul il-funzjonament tagħha u li nnotifika lill-manifattur bl-irregolaritajiet potenzjali matul il-funzjonament. Jenħtieġ li jkun preżunt li l-implimentatur wera diliġenza dovuta f'dik li hija żamma tal-affidabbiltà operattiva, jekk l-implimentatur installax l-aġġornamenti disponibbli kollha fornuti mill-produttur tas-sistema tal-IA.

(17) Bil-għan li l-implimentatur ikun jista' juri li ma kienx negliġenti, il-produtturi jenħtieġ li jkollhom id-dmir li jikkollaboraw mal-implimentatur. Jenħtieġ, barra minn hekk, li l-produtturi Ewropej u mhux Ewropej ikollhom l-obbligu li jaħtru rappreżentant għar-responsabbiltà fil-qasam tal-IA fi ħdan l-Unjoni bħala punt ta' kuntatt biex iwieġeb ir-rikjesti kollha tal-implimentaturi, billi jqis dispożizzjonijiet simili stabbiliti fl-Artikolu 37 tal-GDPR (uffiċjali tal-protezzjoni tad-data), fl-Artikoli 3(41) u 13(4) tar-Regolament 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5] u fl-Artikoli 4(2) u 5 tar-Regolament 2019/1020 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[6] (rappreżentant tal-manifattur).

(18) Il-leġiżlatur ikollu jikkunsidra ir-riskji fil-qasam tar-responsabbiltà marbutin mas-sistemi tal-IA matul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tagħhom, mill-iżvilupp sal-użu u t-tmiem tal-ħajja. L-inklużjoni tas-sistemi tal-IA fi prodott jew f'servizz tirrappreżenta riskju finanzjarju għall-impriżi u konsegwentement se jkollha impatt qawwi fuq il-kapaċità u l-għażliet tal-impriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) kif ukoll għall-istart-ups f'dawk li huma assigurazzjoni u finanzjament tal-proġetti tagħhom ibbażati fuq teknoloġiji ġodda. L-iskop tar-responsabbiltà, għaldaqstant, mhuwiex biss is-salvagwardja tad-drittijiet importanti protetti bil-liġi tal-individwi iżda wkoll fattur li jiddetermina jekk l-impriżi, speċjalment l-SMEs u l-istart-up, humiex kapaċi jiġġeneraw kapital, ikunu innovattivi u, fl-aħħar mill-aħħar, joffru prodotti u servizzi ġodda, kif ukoll jekk il-klijenti humiex disposti jużaw tali prodotti u servizzi minkejja r-riskji potenzjali u l-azzjonijiet legali li jistgħu jittieħdu kontrihom.

(19) L-assigurazzjoni tista' tgħin biex ikun żgurat li l-vittmi jkunu jistgħu jirċievu indennizz effettiv kif ukoll biex tiġbor flimkien ir-riskji tal-persuni assigurati kollha. Wieħed mill-fatturi li fuqu l-kumpaniji tal-assigurazzjoni jibbażaw l-offerta tal-prodotti u tas-servizzi tal-assigurazzjoni tagħhom huwa l-valutazzjoni tar-riskju abbażi ta' aċċess għal data

---

5 Ir-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 u li jħassar id-Direttiva 2007/46/KE (ĠU L 151, 14.6.2018, p. 1).

6 Ir-Regolament (UE) 2019/1020 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar is-sorveljanza tas-suq u l-konformità tal-prodotti u li jemenda d-Direttiva 2004/42/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 765/2008 u (UE) Nru 305/2011 (ĠU L 169, 25.6.2019, p. 1).

storika tal-pretensjonijiet suffiċjenti. In-nuqqas ta' aċċess ta' data ta' kwalità għolja jew kwantità insuffiċjenti tagħha jistgħu jkunu raġuni għala l-ħolqien ta' prodotti ta' assigurazzjoni għat-teknoloġiji ġodda u emerġenti huwa diffiċli fil-bidu. Madankollu, aċċess akbar għad-data ġġenerata mit-teknoloġiji l-ġodda u l-ottimizzazzjoni tal-użu ta' tali data se jżidu l-kapaċità tal-assiguratur li jimmudella r-riskju emerġenti u jrawwem l-iżvilupp ta' kopertura aktar innovattiva.

(20) Minkejja li hija nieqsa d-data storika tal-pretensjonijiet, diġà jeżistu prodotti ta' assigurazzjoni li huma żviluppati settur b'settur u kopertura b'kopertura hekk kif tevolvi t-teknoloġija. Ħafna assiguraturi jispeċjalizzaw f'ċerti segmenti tas-suq (eż. SMEs) jew f'li jfornu kopertura għal ċerti tipi ta' prodotti (eż. apparat elettriku), li jfisser li l-persuna assigurata jista' ġeneralment ikollha prodott ta' assigurazzjoni. Jekk huwa meħtieġ tip ieħor ta' assigurazzjoni, is-suq tal-assigurazzjonijiet se jiżviluppa u joffri soluzzjoni adatta u b'hekk se jimla l-lakuna f'dik li hi assigurazzjoni. F'każijiet eċċezzjonali li fihom l-indennizz jaqbeż b'mod sinifikanti l-ammonti massimi stabbiliti f'dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu mħeġġa joħolqu fond ta' indennizzi speċjali għal perjodu limitat li jindirizza l-bżonnijiet speċifiċi ta' dawk il-każijiet.

(21) Huwa importantissimu li kwalunkwe bidla futura li ssir lil dan it-test tmur id f'id mar-rieżami neċessarju tad-Direttiva dwar ir-Responsabbiltà għall-Prodotti. L-introduzzjoni ta' reġim ta' responsabbiltà ġdid għall-implimentatur tas-sistemi tal-IA tirrikjedi li d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u r-rieżami tad-Direttiva dwar ir-Responsabbiltà għall-Prodotti jenħtieġ li jkunu kkoordinati mill-qrib f'termini kemm tas-sustanza kif ukoll tal-approċċ, biex flimkien jikkostitwixxu qafas konsistenti ta' responsabbiltà għas-sistemi tal-IA, b'bilanċ tal-interessi tal-produttur, tal-implimentatur u tal-persuna milquta, fir-rigward tar-riskju fil-qasam tar-responsabbiltà. Huwa għalhekk neċessarju li jkunu adattati u razzjonalizzati d-definizzjonijiet ta' sistema tal-IA, implimentatur, produttur, żviluppatur, difett, prodott u servizz fl-atti leġiżlattivi kollha kemm huma.

(22) Billi l-objettivi ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-ħolqien ta' approċċ unifikat u orjentat lejn il-futur fil-livell tal-Unjoni, li jiffissa standards Ewropej komuni għaċ-ċittadini u għall-impriżi tagħna, u l-garanzija tal-konsistenza tad-drittijiet u taċ-ċertezza tad-dritt fl-Unjoni kollha, bil-għan li tiġi evitata l-frammentazzjoni tas-Suq Uniku Diġitali, li tkun ixxekkel l-għan li tinżamm is-sovranità u titrawwem l-innovazzjoni diġitali fl-Ewropa, jirrikjedu li r-reġimi fil-qasam tar-responsabbiltà applikabbli għas-sistemi tal-IA jkunu totalment armonizzati. Billi dan l-objettiv ma jistax jintlaħaq biżżejjed mill-Istati Membri minħabba r-rapidità tal-evoluzzjoni teknoloġika, l-iżvilupp kif ukoll l-użu transfruntieri tas-sistemi tal-IA u, eventwalment, l-approċċi leġiżlattivi kunfliġġenti fl-Unjoni, jista', minħabba l-kobor u l-effetti tal-azzjoni, pjuttost jintlaħaq fil-livell tal-Unjoni. L-Unjoni tista' tadotta miżuri skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit fl-istess Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħqu dawk l-objettivi,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Kapitolu I

Dispożizzjonijiet ġenerali

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli applikabbli għall-pretensjonijiet tar-responsabbiltà ċivili tal-persuni fiżiċi u ġuridiċi fil-konfront tal-implimentatur tas-sistemi tal-IA.

Artikolu 2

Kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament japplika fit-territorju tal-Unjoni meta attività, apparat jew proċess fiżiċi jew virtwali mmexxija minn sistema tal-IA kkawżaw dannu jew ħsara għall-ħajja, għas-saħħa, għall-integrità fiżika jew għall-proprjetà ta' persuna fiżika jew ġuridika.

2. Kwalunkwe ftehim bejn l-implimentatur ta' sistema tal-IA u persuna fiżika jew ġuridika li ġġarrab dannu jew ħsara minħabba s-sistema tal-IA, li jevita jew jillimita d-drittijiet u l-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament, sew jekk konkluż qabel sew jekk wara li d-dannu jew il-ħsara kienu ġew ikkawżati, għandu jitqies null u bla effett.

3. Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għal ebda pretensjoni oħra fil-qasam tar-responsabbiltà li tirriżulta mir-relazzjonijiet kuntrattwali bejn l-implimentatur u l-persuna fiżika jew ġuridika li ġarrbet dannu jew ħsara minħabba s-sistema tal-IA.

Artikolu 3

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "sistema tal-IA" tfisser sistema li turi mġiba intelliġenti billi tanalizza ċerti interventi u tieħu azzjoni, b'ċertu grad ta' awtonomija, biex tilħaq objettivi speċifiċi. Is-sistemi tal-IA jistgħu jkunu purament ibbażati fuq software, billi jaġixxu fid-dinja virtwali, jew tista' tkun inkorporata f'apparat tal-hardware;

(b) "awtonomu" tfisser sistema tal-IA li taħdem billi tipperċepixxi ċerti interventi u mingħajr ma jkollha ssegwi ġabra ta' istruzzjonijiet predefiniti, minkejja li l-imġiba tagħha hija limitata mill-objettiv mogħti lilha u minn għażliet rilevanti oħra tad-disinn li għamlu l-iżviluppaturi tagħha;

(c) "riskju għoli" tfisser riskju importanti, f'sistema tal-IA li taħdem awtonomament, li jkunu kkawżati dannu jew ħsara lil persuna waħda jew aktar b'mod każwali u imprevedibbli; l-importanza tar-riskju tiddependi mill-interazzjoni bejn il-gravità tad-dannu jew tal-ħsara possibbli, il-probabbiltà li r-riskji jimmaterjalizzaw u l-mod li bih is-sistema tal-IA qiegħda tintuża;

(d) "implimentatur" tfisser il-persuna li tiddeċiedi dwar l-użu tas-sistema tal-IA, teżerċita kontroll fuq ir-riskju assoċjati u tibbenefika mill-funzjonament tagħha;

(e) "persuna milquta" tfisser kwalunkwe persuna li ġġarrab dannu jew ħsara kkawżati minn attività, apparat jew proċess fiżiċi jew virtwali mmexxija minn sistema tal-IA, u li mhijiex l-implimentatur tagħha;

(f) "dannu jew ħsara" tfisser impatt negattiv li jolqot il-ħajja, is-saħħa, l-integrità fiżika jew il-proprjetà ta' persuna fiżika jew ġuridika, bl-eċċezzjoni tad-danni mhux materjali;

(g) "produttur" tfisser l-iżviluppatur jew l-operatur backend ta' sistema tal-IA, jew produttur kif definit fl-Artikolu 3 tad-Direttiva tal-Kunsill 85/374/KEE[7].

Kapitolu II

Sistemi tal-IA b'riskju għoli

Artikolu 4

Responsabbiltà oġġettiva tas-sistemi tal-IA b'riskju għoli

1. L-implimentatur ta' sistema tal-IA b'riskju għoli għandu jkun oġġettivament responsabbli għal kwalunkwe dannu jew ħsara kkawżati minn attività, apparat jew proċess fiżiċi jew virtwali mmexxija minn tali sistema tal-IA.

2. Is-sistemi tal-IA b'riskju għoli kif ukoll is-setturi kritiċi fejn jintużaw għandhom ikunu elenkati fl-Anness ma' dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa tadotta atti delegati skont l-Artikolu 13 biex temenda l-lista eżawrjenti li tinsab fl-Anness, billi:

(a) tinkludi tipi ġodda ta' sistemi tal-IA b'riskju għoli u s-setturi kritiċi li fihom huma implimentati;

(b) tħassar it-tipi ta' sistemi tal-IA li ma jistgħux jibqgħu jitqiesu li joħolqu riskju għoli; u/jew

(c) tbiddel is-setturi kritiċi għas-sistemi tal-IA b'riskju għoli eżistenti.

Kwalunkwe att delegat li jemenda l-Anness għandu jidħol fis-seħħ sitt xhur wara l-adozzjoni tiegħu. Hija u tiddetermina s-setturi kritiċi u/jew is-sistemi tal-IA b'riskju għoli l-ġodda li għandhom jiddaħħlu fl-Anness permezz ta' atti delegati, il-Kummissjoni għandha tqis kompletament il-kriterji stabbiliti f'dan ir-Regolament, partikolarment dawk imsemmija fl-Artikolu 3(c).

3. L-implimentatur ta' sistema tal-IA b'riskju għoli ma għandux ikun jista' jeżonera lilu nnifsu fuq l-argument li aġixxa b'diliġenza dovuta jew li d-dannu jew il-ħsara kienu kkawżati minn attività, apparat jew proċess awtonomi mmexxija mis-sistema tal-IA tiegħu. L-implimentatur ma għandux jinżamm responsabbli jekk id-dannu jew il-ħsara ġew ikkawżati minn forza maġġuri.

[7] Id-Direttiva tal-Kunsill 85/374/KEE tal-25 ta' Lulju 1985 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri dwar responsabbiltà għall-prodotti difettużi, ĠU L 210, 7.8.1985, p. 29.

4. L-implimentatur ta' sistema tal-IA b'riskju għoli għandu jara li jkollu kopertura ta' assigurazzjoni ta' responsabbiltà ċivili adegwata fir-rigward tal-ammonti u tal-portata tal-indennizzi previsti fl-Artikoli 5 u 6 ta' dan ir-Regolament. Jekk ir-reġimi ta' assigurazzjoni obbligatorja diġà fis-seħħ skont leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni jew nazzjonali jkopru l-funzjonament tas-sistema tal-IA, l-obbligu ta' sottoskrizzjoni ta' kuntratt ta' assigurazzjoni għas-sistema tal-IA skont dan ir-Regolament għandu jitqies sodisfatt, dment li l-assigurazzjoni obbligatorja eżistenti kkonċernata tkopri l-ammonti u l-portata tal-indennizzi previsti fl-Artikoli 5 u 6 ta' dan ir-Regolament.

5. Dan ir-Regolament għandu jipprevali fuq ir-reġimi nazzjonali ta' responsabbiltà f'każ ta' kunflitt bejn id-diversi sistemi tal-IA fil-qasam tar-responsabbiltà oġġettiva.

Artikolu 5

Ammont tal-indennizz

1. L-implimentatur ta' sistema tal-IA b'riskju għoli li nżamm responsabbli ta' dannu jew ħsara skont dan ir-Regolament għandu jagħti indennizz:

(a) sa ammont massimu totali ta' EUR 10 miljun f'każ ta' mewt jew dannu kkawżat lis-saħħa jew lill-integrità fiżika ta' persuna waħda jew aktar li tirriżulta mill-istess funzjonament tal-istess sistema tal-IA b'riskju għoli;

(b) sa ammont massimu totali ta' EUR 2 miljun f'każ ta' ħsara kkawżata lill-proprjetà, inkluż meta bosta beni ta' persuna waħda jew aktar ġarrbu ħsara li jirriżulta mill-istess funzjonament tal-istess sistema tal-IA b'riskju għoli; meta l-persuna milquta ħadet ukoll azzjoni fil-qasam tar-responsabbiltà kuntrattwali fil-konfront tal-implimentatur, l-ebda indennizz ma jitħallas skont dan ir-Regolament jekk l-ammont totali tal-ħsara lill-proprjetà huwa ta' valur inqas minn EUR 500.

2. Meta l-indennizz kumulat li għandu jitħallas lil diversi persuni li ġarrbu dannu jew ħsara kkawżati mill-istess funzjonament tal-istess sistema tal-IA b'riskju għoli taqbeż l-ammonti totali massimi previsti mill-paragrafu 1, l-ammonti li għandhom jitħallsu lil kull persuna jitnaqqsu *pro rata* biex l-indennizz kumulat ma jaqbiżx l-ammonti massimi stabbiliti fil-paragrafu 1.

Artikolu 6

Portata tal-indennizz

1. Fil-limiti tal-ammont stabbilit fl-Artikolu 5(1)(a), l-indennizz li għandu jitħallas mill-implimentatur li nżamm responsabbli f'każ ta' dannu fiżiku segwit mill-mewt tal-persuna milquta għandu jkun ikkalkulat abbażi tal-ispejjeż tal-kuri mediċi li għaddiet minnhom il-persuna milquta qabel ma mietet, u tal-preġudizzju pekunjarju mġarrab qabel ma mietet ikkawżat miċ-ċessazzjoni jew mit-tnaqqis tal-kapaċità ta' gwadann jew miż-żieda fil-bżonnijiet tagħha għal perjodu kemm dam id-dannu qabel il-mewt. L-implimentatur li nżamm responsabbli għandu barra minn hekk jirrimborża l-ispejjeż għall-funeral għall-persuna

milquta deċeduta lill-parti responsabbli mill-ħlas ta' dawk l-ispejjeż.

Jekk fil-mument tal-inċident li kkawża d-dannu li wassal għall-mewt tagħha, il-persuna milquta kienet f'relazzjoni ma' parti terza u kellha obbligu bil-liġi li tmantni tali parti terza, l-implimentatur li nżamm responsabbli għandu jagħti indennizz lill-parti terza billi jħallas il-manteniment sal-punt li l-persuna milquta kienet tkun obbligata tħallas, għall-perjodu korrispondenti għall-istennija tal-għomor medju ta' persuna tal-età tagħha u għad-deskrizzjoni ġenerali tagħha. L-implimentatur għandu wkoll jagħti indennizz lill-parti terza jekk, fil-mument tal-inċident li kkawża l-mewt, il-konċepiment tal-parti terza kien seħħ iżda din tal-aħħar kienet għadha ma twelditx.

2. Fil-limiti tal-ammont stabbilit fl-Artikolu 5(1)(b), l-indennizz li għandu jitħallas mill-implimentatur li nżamm responsabbli f'każ ta' dannu lis-saħħa jew lill-integrità fiżika tal-persuna milquta għandu jinkludi r-rimborż tal-ispejjeż tal-kuri mediċi relatati kif ukoll il-pagament għal kwalunkwe preġudizzju pekunjarju mġarrab mill-persuna milquta bħala riżultat tas-sospensjoni temporanja, tat-tnaqqis jew taċ-ċessazzjoni permanenti tal-kapaċità ta' gwadann tiegħu jew taż-żieda konsegwenti tal-bżonnijiet tiegħu attestata minn ċertifikat mediku.

Artikolu 7

Terminu ta' preskrizzjoni

1. Il-pretensjonijiet tar-responsabbiltà ċivili ppreżentati skont l-Artikolu 4(1), li jikkonċernaw id-dannu għall-ħajja, għas-saħħa jew għall-integrità fiżika, għandhom ikunu suġġetti għal terminu ta' preskrizzjoni ta' 30 sena mid-data li fiha seħħ id-dannu.
2. Il-pretensjonijiet tar-responsabbiltà ċivili ppreżentati skont l-Artikolu 4(1), li jikkonċernaw il-ħsara lill-proprjetà għandhom ikunu suġġetti għal terminu ta' preskrizzjoni ta':

(a) 10 snin mid-data meta seħħ il-ħsara lill-proprjetà, jew

(b) 30 sena mid-data meta seħħ il-funzjonament tas-sistema tal-IA b'riskju għoli li sussegwentement ikkawżat il-ħsara lill-proprjetà.

Fost it-termini msemmija fl-ewwel subparagrafu, għandu japplika t-terminu li jagħlaq l-ewwel.

3. Dan l-Artikolu għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-att leġiżlattiv nazzjonali li jirregola s-sospensjoni jew l-interruzzjoni tat-termini ta' preskrizzjoni.

Kapitolu III

Sistemi tal-IA oħra

Artikolu 8

Responsabbiltà bbażata fuq negliġenza għas-sistemi tal-IA oħra

1. L-implimentatur ta' sistema tal-IA li mhijiex iddefinita bħala sistema tal-IA b'riskju għoli, skont l-Artikolu 3(c) u, konsegwentement, mhijiex elenkata fl-Anness ma' dan ir-Regolament,

għandu jkun suġġett għal responsabbiltà bbażata fuq negliġenza għal kwalunkwe dannu jew ħsara kkawżati minn attività, apparat jew proċess fiżiċi jew virtwali mmexxija mis-sistema tal-IA.

2. L-implimentatur ma għandux ikun responsabbli jekk jista' juri li d-dannu jew il-ħsara kienu kkawżati mingħajr in-negliġenza tiegħu, abbażi ta' waħda mir-raġunijiet li ġejjin:

(a) is-sistema tal-IA kienet ġiet attivata mingħajr ma kien jaf u l-miżuri raġonevoli u neċessarji kollha biex tkun evitata tali attivazzjoni kienu ttieħdu, jew

(b) wera diliġenza dovuta billi għażel sistema tal-IA adatta għall-kompitu u għall-ħiliet it-tajba, ħaddem is-sistema tal-IA kif dovut, issorvelja l-attivitajiet u żamm l-affidabbiltà operattiva billi installa regolarment l-aġġornamenti kollha disponibbli.

L-implimentatur ma għandux ikun jista' jaħrab mir-responsabbiltà fuq l-argument li d-dannu jew il-ħsara kienu kkawżati minn attività, apparat jew proċess awtonomi mmexxija mis-sistema tal-IA tiegħu. L-implimentatur ma għandux jinżamm responsabbli jekk id-dannu jew il-ħsara ġew ikkawżati minn forza maġġuri.

3. Fil-każ li d-dannu jew il-ħsara ġew ikkawżati minn parti terza li interferiet fis-sistema tal-IA billi mmodifikat il-funzjonament tagħha, l-implimentatur għandu xorta waħda jkun responsabbli għall-pagament tal-indennizz jekk tali parti terza ma tkunx tista' tinstab jew tkun nieqsa minn mezzi finanzjarji.

4. Fuq talba tal-implimentatur, il-produttur ta' sistema tal-IA għandu jkollu d-dmir li jikkollabora mal-implimentatur sal-punt li tiġġustifikah l-importanza tal-pretensjoni, bil-għan li l-implimentatur ikun jista' juri li aġixxa mingħajr negliġenza.

Artikolu 9

Dispożizzjonijiet nazzjonali dwar l-indennizzi u t-terminu ta' preskrizzjoni

Il-pretensjonijiet tar-responsabbiltà ċivili ppreżentati skont l-Artikolu 8(1) għandhom ikunu suġġetti, fir-rigward tat-terminu ta' preskrizzjoni kif ukoll l-ammonti u l-portata tal-indennizzi, għal-liġijiet tal-Istat Membru fejn seħħu d-dannu jew il-ħsara.

Kapitolu IV

Qsim tar-responsabbiltà

Artikolu 10

Koresponsabbiltà

1. Jekk id-dannu jew il-ħsara huma kkawżati minn attività, apparat jew proċess kemm fiżiċi kif ukoll virtwali mmexxija minn sistema tal-IA u mill-azzjonijiet ta' persuna milquta jew ta' kwalunkwe persuna li għaliha l-persuna milquta hija responsabbli, il-portata tar-responsabbiltà tal-implimentatur, fl-ambitu ta' dan ir-Regolament, għandha tonqos konsegwentement. L-implimentatur ma għandux ikun responsabbli jekk il-persuna milquta

jew il-persuna li għaliha hi responsabbli hija unikament jew prevalentement responsabbli għad-dannu jew għall-ħsara kkawżati.

2. Implimentatur li nżamm responsabbli jista' juża d-data ġġenerata mis-sistema tal-IA biex juri l-koresponsabbiltà tal-persuna milquta.

Artikolu 11

Responsabbiltà in solidum

Fil-każ li hemm aktar minn implimentatur wieħed ta' sistema tal-IA, ilkoll kemm huma għandhom responsabbiltà *in solidum*. Jekk xi ħadd mill-implimentaturi huwa wkoll il-produttur tas-sistema tal-IA, dan ir-Regolament għandu jipprevali fuq id-Direttiva dwar ir-Responsabbiltà għall-Prodotti.

Artikolu 12

Rivalsa għall-indennizzi

1. L-implimentatur ma għandux id-dritt jeżerċita azzjoni ta' rivalsa sakemm il-persuna milquta, li għandha d-dritt tirċievi indennizz skont dan ir-Regolament, tkun tħallset kompletament.

2. Fl-eventwalità li l-implimentatur għandu responsabbiltà *in solidum* flimkien ma' implimentaturi oħrajn fil-konfront ta' persuna milquta u indennizza kompletament tali persuna milquta, skont l-Artikoli 4(1) jew 8(1), tali implimentatur jista' jirkupra parti mill-indennizzi mill-implimentaturi l-oħrajn, fi proporzjon tar-responsabbiltà tiegħu. L-implimentaturi li għandhom responsabbiltà *in solidum* għandhom ikunu obbligati lejn xulxin fi proporzjonijiet indaqs, sakemm mhux iddeterminat mod ieħor. Jekk il-kontribuzzjoni imputabbli lil implimentatur b'responsabbiltà *in solidum* ma tkunx tista' tinkiseb minnu, id-defiċit għandu jkun akargu tal-implimentaturi l-oħrajn. Sal-punt li implimentatur b'responsabbiltà *in solidum* jindennizza lill-persuna milquta u jitlob adattamenti tal-pagamenti bil-quddiem mill-implimentaturi responsabbli l-oħrajn, il-pretensjoni tal-persuna milquta fil-konfront tal-implimentaturi l-oħrajn għandha tkun surrogata lilu. Is-surroga tal-pretensjonijiet ma għandhiex tkun invokata askapitu tal-pretensjoni oriġinali.

3. Fl-eventwalità li l-implimentatur ta' sistema tal-IA difettuża jindennizza kompletament lill-persuna milquta għal dannu jew ħsara skont l-Artikoli 4(1) jew 8(1), jista' jieħu azzjoni għal rimedju fil-konfront tal-produttur tas-sistema tal-IA difettuża skont id-Direttiva 85/374/KEE u d-dispożizzjonijiet nazzjonali li jikkonċernaw ir-responsabbiltà għall-prodotti difettużi.

4. Fl-eventwalità li l-assiguratur tal-implimentatur jindennizza lill-persuna milquta għad-dannu jew għall-ħsara skont l-Artikolu 4(1) jew 8(1), kwalunkwe pretensjoni ta' responsabbiltà ċivili tal-persuna milquta fil-konfront ta' persuna oħra għall-istess ħsara għandha tkun surrogata lill-assiguratur tal-implimentatur sal-ammont li l-assiguratur tal-implimentatur indennizza lill-persuna milquta.

Kapitolu V

Dispożizzjonijiet finali

Artikolu 13

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 4(2) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin [*mid-data ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament*].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 4(2) tista' tkun revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. L-effetti tagħha għandhom jibdew jiddekorru mill-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-Kumitat Tekniku – sistemi tal-IA b'riskju għoli (TCRAI) permanenti, f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016.

5. Malli tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fl-istess ħin.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 4(2) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġi espressa ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn ta' notifika jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak it-terminu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill it-tnejn ikunu informaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak it-terminu għandu jiġi prorogat b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 14

Rieżami

Sal-1 ta' Jannar 202X [*5 snin wara d-data ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament*], u wara kull tliet snin, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew rapport dettaljat b'rieżami ta' dan ir-Regolament fid-dawl tal-evoluzzjoni ulterjuri tal-intelliġenza artifiċjali.

Hija u tħejji r-rapport imsemmi fl-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni għandha titlob l-informazzjoni rilevanti mill-Istati Membri dwar il-ġurisprudenza, is-soluzzjonijiet bil-qorti kif ukoll l-istatistika dwar l-inċidenti, bħan-numru ta' inċidenti, il-ħsara li saret, l-applikazzjonijiet tal-IA involuti, l-indennizzi mħallsa mill-kumpaniji tal-assigurazzjoni.

Ir-rapport tal-Kummissjoni għandu jkun akkumpanjat, jekk ikun il-każ, minn proposta leġiżlattiva.

Artikolu 15

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 202X.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

ANNESS

*Lista eżawrjenti ta' sistemi tal-IA li joħolqu riskju għoli kif ukoll ta' setturi kritiċi li fihom is-sistemi tal-IA qegħdin jiġu implimentati**

	Sistemi tal-IA	**Settur kritiku**
(a)	Inġenji tal-ajru mingħajr bdot abbord skont id-definizzjoni tal-Art. 3(30) tar-Regolament (UE) 2018/1139	Trasport
(b)	Vetturi bi grad ta' awtomatizzazzjoni 4 u 5 skont SAE J3016	Trasport
(c)	Sistemi awtonomi ta' ġestjoni tat-traffiku	Trasport
(d)	Robots awtonomi	Assistenza
(e)	Apparat awtonomu għat-tindif tal-ispazji pubbliċi	Assistenza

* Dan l-Anness jenħtieġ li jimmira li jirriproduċi l-livell ta' dettall li jidher, pereżempju, fl-Anness I tar-Regolament 2018/858 (Approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi).

NOTA SPJEGATTIVA

Il-kunċett ta' "responsabbiltà" jiżvolġi rwol importanti doppju fil-ħajja ta' kuljum tagħna: minn naħa, il-kunċett jiżgura li persuna li ġarrbet dannu għandha dritt titlob indennizz mill-persuna li jintwera li hi responsabbli minn tali dannu u, min-naħa l-oħra, joffri l-inċentivi ekonomiċi għall-persuni biex jevitaw li jikkawżaw dannu fl-ewwel lok. Għaldaqstant, kwalunkwe qafas ta' responsabbiltà orjentat lejn il-futur għandu jsib bilanċ bejn il-protezzjoni effiċjenti tal-vittmi potenzjali tal-ħsara u, fl-istess ħin, jagħti biżżejjed marġni biex ikun possibbli l-iżvilupp ta' teknoloġiji, prodotti jew servizzi ġodda.

Speċjalment fil-bidu taċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodotti u tas-servizzi l-ġodda, jeżisti ċertu grad ta' riskju għall-utent kif ukoll għat-terzi persuni li xi ħaġa mhijiex qiegħda taħdem kif suppost. Dan il-proċess ta' tentattivi u żbalji huwa ukoll vettur essenzjali tal-progress tekniku li mingħajru l-biċċa l-kbira tat-teknoloġiji tagħna ma tkunx teżisti llum. S'issa, ir-regolamenti dwar is-sikurezza tal-prodotti u r-regoli fil-qasam tar-responsabbiltà, li fl-Ewropa huma b'saħħithom, kienu aktar minn kapaċi jsibu tarf ir-riskji potenzjali ogħla tat-teknoloġiji l-ġodda. F'għajnejn ħafna nies, iż-żieda fl-intelliġenza artifiċjali (IA) llum qed tqajjem dubji dwar din iċ-ċertezza. L-aspett li jagħmel din it-teknoloġija unika huwa l-"opaċità" tagħha jew, fi kliem ieħor, il-karatteristika tal-"kaxxa s-sewda" tagħha. Flimkien mal-konnettività tagħha, mad-dipendenza tagħha mid-data esterna, mill-vulnerabbiltà tagħha għall-ksur taċ-ċibersigurtà u awtonomija distintiva, l-involviment tas-sistemi tal-IA jistgħu jagħmlu estremament għalja jew saħansitra impossibbli l-identifikazzjoni ta' min kien fil-kontroll jew liema kodiċi jew intervent fl-aħħar mill-aħħar ikkawża l-funzjonament dannuż. B'konsegwenza t'hekk, il-persuna li ġarrbet dannu taf tiltaqa' ma' diffikultajiet biex tirċievi indennizz.

Anki jekk is-sistemi tal-IA qegħdin tabilħaqq joħolqu sfidi ġuridiċi ġodda għar-reġimi ta' responsabbiltà eżistenti tagħna, mil-lat materjali f'ħafna każijiet mhumiex daqstant differenti mit-teknoloġiji l-oħrajn, li kultant huma bbażati fuq software saħansitra aktar sofistikat. Is-sistemi tal-IA moderni jaħdmu regolarment b'mod pjuttost sempliċi u huma ferm 'il bogħod mir-robots konjittivi li nafu mill-films tal-fantaxjenza. Għaldaqstant kull diskussjoni dwar l-għoti tal-personalità ġuridika lis-sistemi tal-IA hija antikwata. L-għażla ta' approċċ għaqli biex jindirizza l-isfidi ġuridiċi li joħolqu s-sistemi tal-IA l-ġodda tfisser li nastjenu ruħna mill-bidliet ewlenin għall-qafas ta' responsabbiltà tagħna. Jekk persuna ġarrbet dannu kkawżat minn sistema tal-IA difettuża, id-Direttiva dwar ir-Responsabbiltà għall-Prodotti għandha tibqa' l-mezz ġuridiku biex dak li jkun jitlob indennizz mill-produttur. Jekk id-dannu kien ikkawżat minn terza persuna interferenti, is-sistema eżistenti ta' responsabbiltà bbażata fuq negliġenza fl-Istati Membri toffri (fil-biċċa l-kbira tal-każijiet) livell suffiċjenti ta' protezzjoni. Konformement mal-prinċipji ta' regolamentazzjoni aħjar tal-Unjoni, kwalunkwe adattament leġiżlattiv neċessarju fir-rigward tal-produtturi u tat-terzi persuni interferenti għandu jiġi diskuss f'dawn l-oqsma ġuridiċi rispettivi.

Dan ir-rapport iżda jagħmel eċċezzjoni kruċjali waħda għall-fiduċja tiegħu fir-reġimi ta' responsabbiltà eżistenti: josserva lakuna ġuridika f'dik li hi r-responsabbiltà tal-implimentaturi tas-sistemi tal-IA. Minkejja li dawn il-persuni qegħdin jiddeċiedu dwar l-użu tas-sistemi tal-IA, huma dawk li qegħdin jeżerċitaw prinċipalment il-kontroll fuq ir-riskji assoċjati u qegħdin jibbenefikaw mill-funzjonament tagħhom, bosta pretensjonijiet ta' responsabbiltà fil-konfront tagħhom jaf ma jkollhomx suċċess minħabba l-inkapaċità tal-persuni milquta li juru n-

negliġenza tal-implimentatur. Speċjalment fil-każijiet li fihom id-dannu kien ikkawżat minn sistema tal-IA mħaddma fi spazju pubbliku, il-grupp potenzjalment enormi ta' persuni milquta ma jkollux regolarment relazzjoni kuntrattwali mal-implimentatur, b'hekk dawn il-persuni jitħallew mingħajr ebda possibbiltà ta' indennizz għad-dannu li ġarrbu. Ir-rapporteur jipproponi żewġ approċċi differenti biex jimla din il-lakuna ġuridika, skont il-livell tar-riskju involut fis-sistema tal-IA:

(1) Is-sistemi tal-IA b'riskju għoli: l-implimentatur ta' tali sistema huwa f'pożizzjoni pjuttost simili għal dik ta' sid ta' karozza jew ta' annimal domestiku. Jeżerċita kontroll fuq oġġett li jqiegħed konsiderevolment lill-pubbliku fil-periklu, b'mod każwali u imprevedibbli. B'hekk, l-implimentatur, bħas-sid ta' karozza jew ta' annimal domestiku, għandu jkun suġġett għal reġim ta' responsabbiltà oġġettiva u jindennizza lill-vittma fil-limiti ta' ċerta portata u ta' ċertu ammont ta' flus għal kwalunkwe dannu li sar lid-drittijiet importanti protetti bil-liġi (il-ħajja, is-saħħa, l-integrità fiżika, il-proprjetà). Dan ir-rapport jiddefinixxi kriterji ċari li bihom is-sistemi tal-IA jistgħu jikkwalifikaw bħala li għandhom riskju għoli u jelenkahom b'mod eżawrjenti f'Anness. Fid-dawl tar-rapidità tal-evoluzzjoni teknika u tas-suq kif ukoll tal-kompetenzi tekniċi meħtieġa għal rieżami adegwat ta' sistema tal-IA, għandha tkun il-Kummissjoni Ewropea li temenda l-Anness permezz ta' atti delegati. Kumitat tekniku ġdid, li jinvolvi esperti nazzjonali u partijiet ikkonċernati, għandu jsostni lill-Kummissjoni fir-rieżami tagħha tas-sistemi tal-IA b'riskju għoli potenzjali.

(2) Is-sistemi tal-IA l-oħra kollha: il-persuna li ġarrbet id-dannu kkawżat minn sistema tal-IA li mhijiex elenkata fl-Anness xorta waħda għandha tibbenefika minn preżunzjoni ta' negliġenza fil-konfront tal-implimentatur. Tibqa' tapplika l-leġiżlazzjoni nazzjonali li tirregola l-ammonti u l-portata tal-indennizz kif ukoll it-terminu ta' preskrizzjoni fil-każ ta' dannu kkawżat mis-sistema tal-IA.

Kwalunkwe proposta għal leġiżlazzjoni ġdida jeħtieġ tanalizza fil-fond il-liġijiet fis-seħħ biex jiġu evitati sovrapożizzjonijiet jew dispożizzjonijiet kunfliġġenti. Abbażi ta' dan il-prinċipju, ir-rapport ikopri biss id-dannu għall-ħajja, għas-saħħa, għall-integrità fiżika u għall-proprjetà. Huwa minnu li avolja s-sistemi tal-IA jistgħu jikkawżaw dannu konsiderevoli lid-drittijiet personali u lil interessi importanti oħra protetti bil-liġi, dak il-ksur huwa indirizzat b'mod ferm aħjar mid-dispożizzjonijiet ġuridiċi apposta diġà fis-seħħ f'dawk l-oqsma (pereżempju l-liġi kontra d-diskriminazzjoni jew il-liġi dwar il-ħarsien tal-konsumatur). Preċiżament għall-istess raġuni, ir-rapporteur ma inkorporax l-użu tad-data bijometrika jew tat-tekniki tar-rikonoxximent tal-wiċċ tas-sistemi tal-IA; kwalunkwe użu mhux awtorizzat f'dan il-qasam diġà huwa kopert mill-atti leġiżlattivi speċifiċi dwar il-protezzjoni tad-data, ngħidu aħna l-GDPR. Fir-rigward tar-reġimi nazzjonali kunfliġġenti f'materja ta' responsabbiltà, għal dak li għandu x'jaqsam mal-kwistjoni ta' jekk sistema tal-IA tidħolx fl-ambitu tar-responsabbiltà oġġettiva jew fir-rigward tal-effett restrittiv tal-ftehimiet kuntrattwali, dan ir-rapport iqis li d-dispożizzjonijiet tiegħu jipprevalu dejjem. Jimmira barra minn hekk li jikseb indennizz sħiħ lill-persuna milquta min-naħa tal-implimentatur, qabel ma jkunu jistgħu jiġu ppreżentati pretensjonijiet ta' responsabbiltà kontra l-produttur min-naħa ta' persuni oħrajn li mhumiex il-persuna milquta. Għal finijiet taċ-ċertezza tad-dritt fl-Unjoni kollha, l-operatur backend – li mhuwiex kopert minn dan ir-Regolament – għandu jkun sottopost għall-istess regoli tar-responsabbiltà bħall-produttur, il-manifattur u l-iżviluppatur.

Filwaqt li mhumiex rikjesti bidliet radikali lill-oqfsa ta' responsabbiltà tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati Membri tagħha, is-sistemi tal-IA ma għandhomx ibegħduna wkoll mis-sistemi tal-

assigurazzjoni tradizzjonali tagħna. Il-mekkaniżmi ta' indennizzi ffinanzjati minn fondi pubbliċi mhumiex risposta adegwata għaż-żieda fl-intelliġenza artifiċjali. Tali reġimi ta' indennizzi kieku jimponu biss piż finanzjarju bla bżonn fuq il-kontribwenti. Minkejja n-nuqqas ta' aċċess għal data storika tal-pretensjonijiet ta' kwalità li tinvolvi s-sistemi tal-IA, l-assiguraturi Ewropej diġà qegħdin jelaboraw prodotti ġodda skont is-settur u skont il-kopertura hekk kif tkompli tevolvi t-teknoloġija. Jekk ikun hemm bżonn ta' kopertura ġdida, is-suq tal-assigurazzjonijiet se joħroġ b'soluzzjoni adegwata. Ikun żball jekk inċedu għax-xenarji ipotetiċi li qegħdin jintużaw biex issir pressjoni favur sistemi pubbliċi addizzjonali. Jekk xi darba tiġri ġrajja dannuża lil massa ta' nies, bħal attentat terroristiku kbir, l-Istati Membri jistgħu x'aktarx joħolqu fondi speċjali ta' indennizzi għal perjodu limitat kif diġà ġara fl-imgħoddi. Konsegwentement, dan ir-rapport jirrikjedi biss lill-implimentaturi ta' sistemi tal-IA b'riskju għoli jissottoskrivu kuntratt ta' assigurazzjoni ta' responsabbiltà ċivili (kumparabbli mal-obbligu stabbilit mid-Direttiva dwar l-Assigurazzjoni għall-Vetturi) li jkopri l-ammonti u l-portata tal-indennizz iddeterminati minn dan ir-Regolament. Ir-rapporteur jemmen b'konvinzjoni fis-suq tal-assigurazzjoni biex jadatta l-koperturi tal-assigurazzjoni eżistenti jew joħroġ b'diversi prodotti ġodda li kull wieħed minnhom ikopri separatament it-tipi differenti ta' sistemi tal-IA f'setturi differenti.

Bis-saħħa tal-approċċ limitat iżda ċar tiegħu f'dawk li huma r-regoli ta' responsabbiltà tal-implimentatur ta' sistemi tal-IA, ir-rapporteur jinsab konvint li sab bilanċ bejn il-protezzjoni effikaċi tas-soċjetà u l-fatt li din it-teknoloġija emozzjonanti titħalla tkompli tkun innovattiva. Spiss wisq jiġu identifikati biss ir-riskji tal-intelliġenza artifiċjali. Iva, is-sistemi tal-IA jistgħu jintużaw biex jagħmlu d-deni. Iżda rridu nippermettu li manifestazzjonijiet negattivi, li jsiru bit-teknoloġiji kollha, mit-telefon ċellullari għall-enerġija nukleari, jillimitaw l-użu ġenerali tagħna? Irridu nċedu l-għajnuna tas-sistemi tal-IA fil-ġlieda tagħna kontra t-tibdil fil-klima, biex intejbu s-sistema tagħna tal-assistenza tas-saħħa jew biex intejbu l-integrazzjoni tal-persuni b'diżabbiltà? Dan ir-rapport jirrakkomanda bis-saħħa li nenfasizzaw fuq l-isfruttament tal-effetti pożittivi tas-sistemi tal-IA filwaqt li nibnu salvagwardji qawwijin.
Għaldaqstant, l-atti leġiżlattivi l-ġodda kollha għandhom jinkitbu fil-forma ta' regolamenti. Peress li l-isfera diġitali hija kkaratterizzata minn dinamika transfruntiera rapida, is-Suq Uniku Diġitali Ewropew tagħna jeħtieġ li jkun totalment armonizzat biex ilaħħaq mal-kompetizzjoni diġitali globali.
Huwa kruċjali li jiġi enfasizzat l-fatt li d-diskussjoni politika dwar dan ir-Regolament għandha ssir *pari passu* mar-rieżami neċessarju tad-Direttiva dwar ir-Responsabbiltà għall-Prodotti. L-introduzzjoni ta' reġim ta' responsabbiltà ġdid għall-implimentatur tas-sistemi tal-IA tirrikjedi li n-negozjati dwar dan ir-Rapport u r-rieżami tad-Direttiva dwar ir-Responsabbiltà għall-Prodotti għandhom ikunu kkoordinati mill-qrib f'termini kemm tas-sustanza kif ukoll tal-approċċ, biex flimkien jikkostitwixxu qafas konsistenti ta' responsabbiltà għas-sistemi tal-IA, b'bilanċ tal-interessi tal-produttur, tal-implimentatur u tal-persuna milquta, fir-rigward tar-riskju fil-qasam tar-responsabbiltà. Jidher għalhekk neċessarju li jkunu adattati u razzjonalizzati d-definizzjonijiet ta' sistema tal-IA, implimentatur, produttur, żviluppatur, difett, prodott u servizz fl-inizjattivi leġiżlattivi kollha kemm huma.
Fl-aħħar, iżda mhux l-inqas importanti, l-atturi politiċi għandhom jirrealizzaw li matul in-negozjati leġiżlattivi tagħhom il-progress teknoloġiku ma jiqafx. Jekk qegħdin nieħdu bis-serjetà l-għan tagħna li nżommu l-pass mad-diġitalizzazzjoni, inżommu s-sovranità diġitali tagħna u niżvolġu rwol importanti fl-era diġitali, l-istituzzjonijiet Ewropej għandhom jibagħtu messaġġ politiku ċar lill-industrija ta' suċċess tagħna u lir-riċerkaturi brillanti tagħna li qegħdin jaħdmu fuq sistemi tal-IA ġodda. Sakemm ir-risposta leġiżlattiva għaż-żieda tal-intelliġenza artifiċjali ssir liġi, l-industrija u r-riċerkaturi għandhom ikunu jistgħu jkunu

innovattivi skont ir-regoli attwali u jibbenefikaw minn perjodu ta' tranżizzjoni ta' ħames snin. Jekk ma nagħtuhomx din iċ-ċertezza fl-ippjanar, l-Ewropa se titlef diversi teknoloġiji, prodotti jew servizzi affaxxinanti ġodda.